Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 167/2018

Il-Pulizija

Vs

Mark Gaffarena

Illum 6 ta' Novembru, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Mark Gaffarena detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 447176M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fis-17 ta' Awwissu 2017 ghal habta ta' 8:20hrs gewwa Triq Profs Carmelo Coleiro, Hal Qormi l/o Handaq:

1. Iddepozita jew halla f'xi triq jew post pubbliku sabiex jingabar xi recipjent iehor jew il-karta wzata, flixkun, landa, kaxxa tal-kartun jew recipjent iehor jew xi karta, tiben jew materjal iehor uzat ghall-ippakkjar u dan id-depozitu sar qrib laned taz-zibel, skips jew recipjenti ohra li kienu qeghdin f'post pubbliku jew privat li kienu provduti jew approvati mill-Gvern.
2. Talli rema, tefa' jew xorta ohra ddepozita f'post fil-berah u li l-pubbliku ghandu access ghalih minghajr hlas u jhalli xi haga tkun li tkun f'cirkustanzi li jikkaguna, jikkontribwixxi jew li jista' jwassal ghal tkerrih biz-zibel u skart ta' xi post fil-berah.

3. Talli ghamel uzu minn vettura bin-numru tar-registrazzjoni GAF 666 tal-marka Toyota fl-ghemil ta' reat kontra d-disposizzjonijiet tal-ligi, tordna l-konfiska ta' dik il-vettura ghal zmien ta' mhux anqas minn xahrejn izda mhux izjed minn sena u sospensjoni ghal zmien daqs dak ta' kull licenzja tas-sewqan tkun f'isem minn jaghmel reat matul liema zmien ir-riskju tal-vettura jibqa' ghas-sid.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-21 ta' Marzu, 2018, fejn il-Qorti sabet lill-imputat hati b'dan illi l-ewwel akkuza hi assorbita fl-ohrajn;

Rat l-artikoli 9(1A), u 9(3) tal-kap 206 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkundannat lill-imputat ghal multa ta' €1200 (elf u mitejn euro) u ordnat il-konfiska tal-vettura GAF 666 ghal xahrejn kif ukoll issospendiet ghall-istess perjodu kull licenzja tas-sewqan tal-hati.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Mark Gaffarena, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-2 ta' April, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tvarja s-sentenza moghtija fil-konfront tal-esponenti billi tiddikjara illi f'dan il-kaz kellha tinghata multa skont id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 9(1) tal-Kapitolu 206 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Mark Gaffarena huma s-segwenti u cioe`:-

Illi f'dan il-kaz l-unika xhieda li giet prodotta kienet dik tal-pulizija permezz ta' affidavit. Illi l-appellanti mhux qieghed jikkontesta li huwa rema borza taz-zibel u di fatti kien skuza ruhu tramite l-avukat tieghu mal-Qorti.

Illi dak li qieghed ikun ikkontestat huwa illi l-esponenti jissottometti illi l-Ewwel Qorti kienet applikat l-artikolu hazin tal-ligi, jigifieri, dina applikat fil-konfront tal-appellant l-artikolu 9(1A) tal-Kap 206 minflok l-artikolu 9(1) tal-istess Kap.

Illi dawn iz-zewg artikoli jaghmlu differenza fl-ammont tal-multa li tigi adoperata mill-Qorti u fejn il-multa moghtija fl-artikolu 9(1A) ghandha titqies bhala aggravju fil-kazijiet fejn l-iskart jew zibel ikun wiehed sostanzjali.

Ikkunsidrat,

Illi f'dan il-kaz mhux kontestat li l-esponent rema borza taz-zibel u li din fil-fehma tal-esponenti ma tikkostitwix aggravju bhalma meta xi hadd ibattal xi trakk mimli u ghalhekk hija l-fehma tal-esponenti illi l-Ewwel Qorti kellha tapplika fil-konfront tal-esponenti l-artikolu 9(1) tal-Kap 206 u mhux l-artikolu 9(1A) tal-istess Kap.

Rat il-fedina tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni.

Rat l-affidavit ta' **PS 1585** mahluf nhar id-19 ta' Settembru, 2017 u esebit fl-atti a fol. 2. Dan spjega illi fis-17 ta' Awwissu, 2017 ghall-habta tas-6.20 pm l-ghassa tal-pulizija ta' Hal Qormi irceviet rapport fuq it-telefon li fi Triq Profs Carmelo Coleiro, Hal- Qormi ezatt hdejn l-S. Trek Logistics Ltd. kien hemm persuna li ghadu kif waqaf bil-vettura tieghu u tefa' ammont ta' zibel barra kif ukoll komplew li kemm il-darba dan iz-zibel ha n-nar u jispicca ikun ta' periklu ghan-nies li jahdmu hemm. Fuq stharrig il-pulizija gabret il-filmati mis-CCTV cameras fejn gew mehuda il-forensika ghal iktar stharrig. Fid-19 ta' Settembru, 2017 huwa ircieva ritratti tal-filmati fejn gie jidher persuna maskili hiereg minn vettura b'numru ta' registrazzjoni GAF 666 tal-ghamla Toyota u jidher car jitfa' z-zibel barra. Minn stharrig li sar, irrizulta li l-vettura hija ta' certu Mark Gaffarena.

Fid-19 ta' Settembru 2017 ghall-habta tat-8.30a.m. Mark Gaffarena mar l-ghassa ta' Hal Qormi kif mitlub fejn qabel ma gie mitkellem huwa gie moghti is-solita' twissija u d-dritt ta' l-avukat liema dritt irrifjuta u ffirma dikjarazzjoni dwar dan kif ukoll inghata kopja tad-dikjarazzjoni.

Meta gie mistoqsi min jghamel uzu mill-imsemmija vettura GAF 666 stqarr li huwa stess juzaha. Mistoqsi jekk xi darba remiex jew tefa xi skart gewwa Triq Profs Carmelo Coleiro, Hal Qormi Limiti ta' Handaq ezatt hdejn S. Trek Logistics Ltd u gie

muri ritratti li kellha l-pulizija huwa ammetta li kien hu li kien rema l-iskart barra. Mark Gaffarenaa gie mgharraf li ser johorgu xi akkuzi rfil-konfront tieghu.

Rat l-ammissjoni tal-appellant kif registrata quddiem l-ewwel Qorti fis-seduta tal-21 ta' Frar, 2018 u rat illi l-prosekuzzjoni irrimettiet ruhha dwar it-talba tal-konfiska tal-vettura (fol. 7).

Semghet lill-partjiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tat-18 ta Settembru, 2018 u b'mod partikolari lid-difiza tghid li l-ewwel Qorti applikat il-ligi hazin fis-sens li kkundannatu taht l-atikolu 9 (1) (A) tal-Kap meta kellha issibu hati that l-artikolu 9 tal- Kap 226 tal-Ligijiet ta' Malta. Rat illi l-prosekuzzjoni insistiet li l-atti huma nulli stante li l-appellant ma osservax id-dispost tal-artikolu 419 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghalhekk fl-ewwel lok din il-Qorti sejra titratta il-kwisjtoni dwar in-nullita' o meno tal-proceduri odjerni peress illi jekk jirrizulta ghal-Qorti li l-atti huma nulli allura tieqaf hawn u ma jkolliex ghalfejn tidhol fil-mertu tal-kawza.

L-artikolu 419(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta kien jiddisponi s-segwenti u appuntu ghalhekk l-Qorti tahseb li l-Avukat Generali qajjem din l-eccezzjoni ta' nullita':

"419(1): Ir-rikors, barra mill-indikazzjoni komuni ghall-atti gudizzjarji, ghandu jkun fih, **<u>taht piena ta' nullita</u>**` (emfasi ta din il-Qorti) -

(a) il-fatti fil-qosor;

(b) ir-ragunijiet ta' l-appell;

(c) it-talba ghat-tahsir jew ghat-tibdil tas-sentenza tal-qorti inferjuri."

Il-gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti dejjem kienet fis-sens li giet dikjarata n-nullita` ta' appell jekk il-vot tal-ligi fl-imsemmi artikolu ma jigix osservat skrupolozament.

Jigifieri meta ma jkunx gie osservat xi wiehed jew aktar mill-paragrafi (a), (b) u (c) tas-subartikolu (1) tal-imsemmi artikolu 419, dan kien igib bhala konsegwenza li r-

rikors ta' appell ikun null. U dik n-nullita` kienet anki sollevabbli ex-officio mill-Qorti, essendo dik id-disposizzjoni u dawk ir-rekwiziti ta' ordni pubbliku[1].

Kif inhu risaput din il-Qorti kienet dejjem tipprova ssalva l-atti u ma tiddikjarax rikors ta' appell bhala null fejn dan ikun possibbli, imqar bi ftit tigbid entro l-limiti permessi mill-ligi, ghax ikun gie sodisfatt il-minimu ta' dak li hu rikjest ghallfinijiet tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 419 imsemmi – ara f'dan is-sens **Il-Pulizija v. Robert Spiteri et** [2], **Il-Pulizija v. Joseph Tabone**[3], u **Il-Pulizija v. George Galea**[4].

Illum pero l-artikolu 419 tal-kap 9 tal-ligijeit ta' Malta jipprovdi s-segwenti:

*419.(1) Ir-rikors, barra mill-indikazzjoni komuni għall-atti ġudizzjarji, għandu jkun fih,*

*(a) il-fatti fil-qosor;*

*(b) ir-raġunijiet tal-appell;*

*(ċ) it-talba għat-taħsir jew għat-tibdil tas-sentenza tal-qorti inferjuri.*

Il-Qorti tirrileva li permezz ta' l-ahhar emenda li saret u cioe b'Att I tas-sena 2018 il-kliem taht '**piena ta' nullita'** gew imhasra u ghalhekk dan ifisser li minkejja li wahda minn dawn ir- rekwiziti ikun nieqes, tali nuqqas ma iwassalx ghan-nullita ta' l-att.

Ir-raison d'etre tal-paragrafi (a), (b) u (c) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 419 huwa s-simplifikazzjoni u l-kjarezza. Il-legislatur evidentement irid li r-rikors ghandu jkun redatt b'tali mod li mill-ewwel ipoggi kemm lill-Qorti kif ukoll lill-appellant fil-posizzjoni li jkunu jafu ezatt x'inhuma l-fatti kollha essenzjali, minn xhiex qed jilmenta l-appellant, u x'inhu jitlob.

Illi l-appellant interpona appell mis-sentenza tal-ewwel Qorti ghaliex hassu aggravat bid-decizjoni dwar is-sejbien ta' htija ghar-rigward l-ammissjoni tieghu fejn inghata dikjarzzjoni ta' htija ghall-akkuzi kollha.

---

[1] Ara, per ezempju, Appelli Kriminali: Il-Pulizija v. Stephen Zammit, 27 ta' Novembru 2008; Il-Pulizija v. Lewis Muscat, 31 ta' Awissu 2006 ; Il-Pulizija v. Mario Camilleri, 3 ta' Dicembru 2001; Il-Pulizija v. Joe Borg, 21 ta' Lulju 1995

[2] App. Krim. 30 ta' April ,1990

[3] App. Krim. 14 ta' Settembru ,2007

[4] App. Krim. 15 ta' Frar, 2008

Illi l-avukat difensur kellu issemmi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan l-appell skont is-subinciz (a) tal-artikolu 419 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi n-nuqqas tal-appellant kien jammonta ghan-nullita' li ma kienx ghall-emendi introdotti bl-Att I tal-2018, u tali rikors konsimili kien ikun possibilment soggett ghal-ezitu infelici.

Illi ghlahekk in linea ma dak li jiddisponi l-artikolu 419(1)( a) l-Qorti qieghda tidderigi lill-avukat difensur tal-appellant sabiex jipprezenta rikors fejn titlob li jghamel korrezzjoni fir-rikors tal-appell tieghu fis-sens li jinkludi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan l-appell.

Ghaldaqstant l-eccezzjoni ta' nullita sollevata mill-Avukat Generali qed tigi rigettata u tiddiferixxi l-kawza sabiex l-appellant jidderigi ruhu fid-dawl tal-provediment ta' illum sabiex wara li dan isehh din il-Qorti tkun tista' tghaddi ghas-sentenza finali taghha.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur